# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta' Jannar, 2002**

**Appell Nru 187/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronald Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronald Psaila talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Marzu 1999 u matul dawn l-ahhar granet qabel dina data (**1**) biegh jew xort'ohra ittrafika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza; u (**2**) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ronald Psaila hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' mitejn lira (Lm200); dik il-qorti ordnat ukoll il-konfiska tad-dokument NH5 u d-distruzzjoni tad-droga ezibita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ronald Psaila, minnu ppresentat fis-17 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda operazzjoni mwetqa mill-pulizija li fi tmiemha zaghzugh inqabad bi tlett bicciet raza tal-*cannabis*. Kollox beda meta l-Ispettur tal-Pulizija Neil Harrison irceva informazzjoni anonima li l-appellant kien qed ikollu ghall-bejgh ir-raza tal-*cannabis.* Fi kliem l-imsemmi spettur:

"Minn tani l-informazzjoni qalli li Ronald Psaila wiehed seta jikkuntattjah fuq *mobile number* 09423747 u dan generalment ikun qed jippassigga fl-inhawi tal-Baviera l-Belt Valletta. Tani deskrizzjoni ta' din il-persuna u qalli dan huwa

irqajjaq u pjuttost twil, ghandu xaghru qasira nnuklata. U jkun liebes nuccali. Qalli wkoll, min tani l-informazzjoni, li jekk wiehed icempillu u jghidlu "jien habib ta' Olio", dan jaqdik ir-raza tal-*cannabis*. Jien stess cempilt fuq in-numru indikat minn min tani l-informazzjoni, cempilt fuq *telecell* 09423747 dakinhar stess li rcevejt l-informazzjoni, jigifieri t-30 ta' Marzu, 1999 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija. Staqsejt ghal Ronald, qalli jien hu, u jien minghajr ma identifikajt ruhhi bhala ufficjal tal-pulizija ghidlu li jien – cioe` meta staqsejt ghal Ronald, qalli "minn inti?" Ghidtlu "Jiena Joseph habib ta' Olio". Staqsejtu jekk hux kollox kien *all right*. Jien ghidtlu, dak il-hin ghidtlu bhalissa ma nistax inkellmek, ghidtlu incempillek ghaxar minuti ohra.

"Fil-fatt wara ghaxar minuti ergajt cempilt fuq 09423747 u dak il-hin ghidtlu jiena Joseph li cempiltlek l-ewwel. Hu staqsieni qalli "Xi Trid?" U jien ghidtlu "Irrid tlieta", pero` minghajr, fl-ebda hin, fiz-zewg telefonati ma rreferejt la ghal droga u lanqas irriferejt ghal raza tal-*cannabis* jew xi droga ohra. Kullma ghidtlu, ghidtlu irrid tlieta. Huwa mbaghad qalli sabiex niltaqghu hdejn il-bini tal-*Housing* fil-Baviera l-Belt pero` fl-istess telefonata qalli ghall-ewwel niltaqghu hemmhekk, pero` fl-istess telefonata qalli sabiex niltaqghu faccata ezatt tal-entratura tal-*War Museum* il-Belt Valletta. Qalli niltaqghu hdejn it-*telephone box* hemmhekk. Hu qalli wkoll illi nhalli nofs siegha qisu, ghax kellu bzonn ftit tal-hin qabel niltaqghu peress li jien kont tlabt ghal tlieta. Nerga nghid li fiz-zewg telefonati jien fl-ebda hin ma semmejt id-droga, ma semmejt il-kelma droga u lanqas kelma ohra li tintuza sabiex tirreferi ghal droga." (ara fol. 11 u 12 tal-atti).

L-Ispettur Harrison baghat zewg pulizija jistennew fejn kien ftiehem li jiltaqa` mal-persuna li kien kellem bi struzzjonijiet li kif jaraw persuna bid-deskrizzjoni li huwa kien tahom, huma kellhom iwaqqfuh, jaghmlu tfittxija fuqu u jarrestawh (ara d-deposizzjoni ta' P.C. 1044 Gordon Calleja a fol.17 u 18). Nel frattemp l-ispettur rega' cempel u l-persuna fuq in-naha l-ohra qallu li jista' jigi, anzi li seta' jmur immedjatament ghax l-affarijiet li kellu kienu diga qeghdin fuqu. "Rega' qalli sabiex niltaqghu ezatt faccata tal-*War Museum* kif konna diga tkellimna qabel" (fol. 13). Meta z-zewg pulizija (li kienu lebsin pajzana) maru fil-post miftiehem, kif appena raw persuna li kienet taqbel mad-dsekrizzjoni li kellhom, huma marru fuqu, u l-appellant staqsiehom jekk kienx baghthom Olio. Kif wiehed minnhom qallu li le u li huma kienu pulizija, l-appellant ipprova jitlaq jigri u fl-istess hin rema karta tal-gazzetta li kellu f'idu. Iz-zewg pulizija qabduh, u wara li fittxew fil-karta sabu tlett bicciet raza tal-*cannabis* (ara r-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mifsud, fol. 25).

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa gie istigat mill-istess Pulizija Ezekuttiva sabiex huwa jaghmel reat. Huwa jikkontendi li f'dan il-kaz kien hemm l-uzu ta' *agent provocateur* (fil-persuna tal-Ispettur Harrison). L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena***, u jikkontendi li "ma jaghmilx sens li wiehed jigi gudikat u sentenzjat fuq kommissjoni ta' reat provokat mill-istess Pulizija Ezekuttiva u fuq montatura. Jekk dan ikun il-kaz [il-]Pulizija Ezekuttiva a skorta (*sic!*) ta' din is-sentenza tista' tibda ccempel lin-nies kollha li jiehdu d-droga, tinstighom similment jipprokuraw id-droga u mbaghad tressaq lil kullhadd il-Qorti".

Jibda biex jinghad, li kif tajjeb irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza ta' ***Gaffarena*** hawn aktar 'l fuq imsemmija, il-fatt li persuna tigi istigata li tikkommetti reat minn agent provokatur ma jezentax lil dik il-persuna mir-responsabbilta` kriminali:

"Jekk pero` huwa veru, kif inhu veru, li l-ligi taghna ma tezonerax lill-agent provokatur mir-responsabbilta` kriminali li jista' jinkorri fiha[1], daqstant iehor ma hemmx ikkontemplata fil-ligi taghna xi ezenzjoni mir-responsabbilta` kriminali ghal min jikkommetti reat taht l-istigazzjoni ta' agent provokatur tal-pulizija sakem ikun ippruvat li dak li jkun ikun agixxa xjentement."

Fi kliem iehor, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jinghad li l-appellant ikommetta xi reat bi ksur tal-Kap. 101 minhabba li gie istigat jaghmel hekk mill-Pulizija jew minn xi pulizija partikolari, dana l-fatt ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta` penali (salv, naturalment, li tali istigazzjoni ma tkunx tammonta ghal koazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali); tali istigazzjoni tista', se mai, tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Pero` fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li l-agir ta' l-Ispettur Harrison la kien jammonta ghal istigazzjoni ghal reat u anqas jista' jinghad li dan l-ispettur kien agent provokatur. Kif kienet fissret ir-*Royal Commission on Police Powers* tal-1928 fl-Ingilterra (Cmd. 3297), agent provokatur huwa proprjament "*a person who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence*"[2]. L-espressjoni "*which he would not otherwise have committed*" hija importanti f'dan il-kuntest, hu hija l-qofol fid-distinzjoni bejn l-agent provokatur jew il-persuna li jistiga l-kommissjoni ta' reat fuq naha, u l-persuna li tillixka jew tintrappola li min ikun diga predispost li jikkommetti dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-ufficjal tal-pulizija jew ta' min ikun qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-pulizija. Kif inghad fis-sentenza ta' ***Gaffarena*** (fuq l-iskorta ta' sentenza Amerikana hemm citata), "*decoys are permissible to entrap criminals but not to create them*". Fl-ahhar edizzjoni ta' **Archbold** jinghad hekk:

"In *Nottinhgam City Council v. Amin* [2000] 1 Cr.App.R. 426, DC, Lord Bingham C.J., distinguishing *de Castro*[3], said it was "deeply offensive to ordinary notions of fairness" if a defendant were to be convicted of a crime which he only committed because he had been "incited, instigated, persuaded, pressurised or wheedled" by a law enforecement officer. It was, however, unobjectionable if such an officer gave a defendant an opportunity to break the law, of which the defendant freely took advantage, in circumstances where it appears that the defendant would have behaved in the same way if the opportunity had been offered by anyone else."[4]

---

[1] Ara, pero`, fil-kuntest tal-ligi dwar id-drogi l-Artikolu 121C tal-Kap. 31 u l-Artikolu 30B (specjalment is-subartikolu (3) tieghu) tal-Kap. 101 dwar konsenja u xiri kontrollati; il-kaz ta' ***Gaffarena*** ma kienx jirrigwarda drogi.

[2] Ara **Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001**, Sweet & Maxwell (London), 2001, para. 15-491, pagna 1532.

[3] ***Teixeira de Castro v. Potugal*** 28 E.H.R.R. 101.

[4] *Op.cit.* para. 15-496b, pagni 1534-1535.

Mid-deposizzjoni tal-Ispettur Harrison, aktar 'l fuq riportata f'din is-sentenza, jidher car li dana l-ufficjal b'ebda mod ma istiga l-kommissjoni ta' xi reat. Huwa kien semplicement qed jesplora x'kellu ghall-bejgh l-appellant u, f'kaz li verament dan kien qed ibiegh id-droga skond l-informazzjoni li kellu, pogga lin-nies tieghu biex ikunu jistghu jahtfu lill-appellant *in flagrante*. In fatti l-ispettur jidher li qaghad attent hafna li fil-konversazzjonijiet telefonici li kellu f'ebda hin ma jsemmi il-kelma "droga" jew "*cannabis*" jew xi kliem iehor li komunement ifisser xi wahda minnhom; qallu semplicement li jrid "tlieta". Kien l-appellant li, mill-kumpless tal-provi, inkluza d-deposizzjoni tal-istess spettur, jidher li kien predispost, minghajr il-htiega ta' istigazzjoni minn ufficjal tal-pulizija jew minn xi hadd fuq struzzjonijiet tal-pulizija, li joffri li jipprokura d-droga lil min kien jitolbu, u effettivament wasal biex offra li jipprokura l-*cannabis* lill-persuna li kien qed jitkellem maghha fuq il-*mobile*. Ghalkemm kien ikun aktar prudenti l-ispettur li kieku huwa agixxa bil-kunsens espress tal-Avukat Generali jew ta' Magistrat qabel ma cempel (Art. 30B(3), Kap. 101) – u dana sabiex huwa jkun kopert mija fil-mija f'agir tieghu – ma jistax jinghad li b'dak li ghamel l-imsemmi spettur huwa kien b'xi mod "komplici" ma' l-appellant fit-termini ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. In fatti anqas l-appellant ma hu b'xi mod jghid li l-ispettur kien komplici f'dan is-sens. Kwantu ghall-"montatura" li ghalija jirreferi l-appellant, din il-Qorti bla tlaqliq tista' tiddikjara li f'dan il-kax ma kien hemm ebda montatura izda kien hemm biss operazzjoni mahduma bil-ghaqal u fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li dak li ghamel l-appellant ma kienx jammonta ghal traffikar. L-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 kif ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Matthew John Migneco***. Din il-Qorti, pero`, tara li la l-Artikolu 22(5) u anqas is-sentenza ta' ***Migneco*** ma huma relevanti ghal dan il-kaz. L-appellant instab hati skond l-ewwel imputazzjoni ghas-semplici raguni li d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artkolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' minn <u>joffri li jipprovdi</u> d-droga. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-*cannabis* u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar. Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 <u>ma johloqx</u> ir-reat jew il-figura tat-tentattiv, izda semplicement jipparifika, <u>ghall-finijiet ta' piena</u>, it-tentattiv ta' kull reat kontra l-Kap. 101 (kif ukoll certi forom ta' komplicita` -- fid-dawl ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 9, hemm certament element ta' suprefluwita`) mar-reat ikkunsmat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur